MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 674/2002/1

**Josette Seychell**

**vs**

**Peter Seychell**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Gunju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fl-14 ta' Novembru 1987.

Illi sussegwentement minhabba ragunijiet validi fil-ligi huma sseparaw bis-sahha ta' att pubbliku datat 28 ta' Novembru 1996 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela bin-numru 1072, kopja ta' liema tinsab annessa bhala Dok "A".

Illi wara saret rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u regghu bdew jikkoabitaw minn Settembru tal-1999.

Illi l-effetti tal-kuntratt tas-separazzjoni fuq premess gew terminati minhabba fir-rikonciljazzjoni fuq premessa.

Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jidher fuq att pubbliku sabiex jirrikonoxxi illi l-effetti ta' tali separazzjoni gewwa terminati fix-xahar ta' Settembru 1999, minghajr pregudizzju ghal *qualsiasi* dritt moghti lil terzi fil-perjodu ta' wara.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja, okkorrendo illi din il-Qorti tiddikjara illi l-kuntratt ta' separazzjoni m'ghadx ghandu validita' ghar-ragunijiet fuq premessi u ghaldaqstant:-

1. Tordna li jigi registrat l-att pubbliku ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, a tenur ta' l-**artikolu 64 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv.

3. Tinnomina kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att relattiv fil-kontumacja tal-konvenut.

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenut gja' ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-7 ta' Novembru 2002 a fol. 15 fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt ghaliex skond l-**artikolu 64 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-koabitazzjoni tal-kontendenti gabet maghha biss l-obbligu ta' l-ghixien flimkien u tal-manteniment u skond is-**sub-artikolu 64 (2)** *"kull effett*

*iehor tal-firda ma jispiccax hlief bis-sahha ta' att pubbliku"* li skond l-**artikolu 65** ta' l-istess ligi *"ma jiswiex jekk ma jsirx bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti"* u ghalhekk jirrizulta bla dubju li l-konvenut m'ghandu l-ebda obbligu skond il-ligi li jidher fuq kuntratt ta' rexissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-28 ta' Novembru 1996.

2. Illi minghajr ghall-ewwel eccezzjoni, fit-tieni lok il-konvenut jeccepixxi li jekk dan ma kienx hekk u jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, allura dan ser ikun bi pregudizzju kbir ghalih *stante* li l-attrici llum naqset milli tesegwixxi l-obbligi taghha taht dak il-kuntratt u fil-fatt il-konvenut fis-26 ta' Settembru 2002 kien ipprezenta citazzjoni fl-ismijiet **"Peter Seychell vs Josette Seychell"** (Nru. ……) ghall-bejgh in subbasta tad-dar matrimonjali u l-bejgh in licitazzjoni tal-gnien adjacenti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' Novembru 2002 fejn il-konvenut iddikjara li l-partijiet illum jinsabu separati *de facto* wkoll. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' tletin (30) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju u ordnatlu jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidavit.

Rat in-nota tal-konvenut datata 23 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 7 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet tliet affidavits, wiehed taghha, dak ta' Jacqueline Dimech u ta' Annie Micallef.

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' Frar 2003 li biha rriserva l-kontro-ezami ta' l-attrici, u tax-xhieda taghha Jacqueline Dimech u Annie Micallef.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Veronica Aquilina ghall-konvenut iddikjarat li l-provi gew maghluqa; u tat-28 t’Ottubru 2003 fejn fuq talba ta’ Dr. David Camilleri l-Qorti pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata sabiex l-attrici tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu sabiex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz x-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti hemm ipprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li wara l-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet datat 28 ta’ Novembru 1996, il-partijiet irrikonciljaw f’Settembru 1999 u allura spicca l-effett tieghu minn tali data ta’ rikonciljazzjoni, u ghalhekk talbet li ghandu jigi registrat kuntratt ta’ rexissjoni ta’ l-istess kuntratt skond id-dipozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 64 (2) tal-Kap 16** b’talbiet konsewgenti ghall-istess.

Illi l-konvenut min-naha tieghu qed isostni li tali talba ma tistax tintlaqa’ peress li l-effett ta’ koabitazzjoni bejn il-konjugi wara li jaghmlu kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti jerga’ jirreintegra biss id-drittijiet u obbligi ta’ ghixien flimkien u ta’ manteniment u dan skond l-**artikolu 64 (1) tal-Kap 16**. Kull effett iehor seta’ jigi regolat biss b’att pubbliku iehor u dan jista’ jsir biss b’effett ta’ awtorizzazzjoni tal-Qorti skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 65 tal-Kap 16**. Fil-fatt jidher li l-konvenut ghamel kawza ohra sabiex jesegwixxi l-istess kuntratt ta’ separazzjoni ghal dak li jirrigwarda li l-partijiet ftehmu dwar id-dar konjugali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li wara li l-partijiet sseparaw permezz tal-kuntratt pubbliku msemmi. Huma regghu bdew jghixu flimkien f'Settembru 1999, izda ma' ghamlu l-ebda kuntratt sabiex ibiddlu l-effetti ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni. Fil-fatt l-istess partijiet damu flimkien biss sa Awissu 2001, u llum-il gurnata l-istess partijiet regghu qeghdin jghixu separatament minn xulxin.

Illi skond l-istess kuntratt il-partijiet kienu qablu li l-istess fond "Villa BG8B", Mtarfa, limiti Rabat, kellha tinbiegh wara hames snin bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-konvenut jispjega ghaliex waslu ghal dan il-ftehim, peress li skond huwa kien ghamel diversi xoghlijiet fl-istess fond. Wara li l-partijiet regghu bdew joqoghdu flimkien l-istess konvenut jghid li ghamel diversi xoghlijiet ohra, konxju tal-fatt li kien hemm l-istess ftehim fl-imsemmi kuntratt, li huwa jghid car u tond li qatt ma' rrinuzja ghall-effetti tieghu.

Illi in verita' l-kwistjoni odjerna hija wahda fuq kollox legali, u cjoe' l-effetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet wara kuntratt ta' separazzjoni. Illi r-risposta tinsab fl-**artikolu 64 (1) u (2) tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"(1) Jekk ir-ragel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom jghixu jghammru flimkien, igib l-ghaqda taghhom mill-gdid, u jgedded l-obbligu, li gej miz-zwieg, ghal ghixien flimkien u tal-manteniment".*

*"(2) Izda, kull effett iehor tal-firda ma jispiccax hlief bis-sahha ta' att pubbliku".*

Illi l-**artikolu 65 tal-Kap 16** jipprovdi wkoll li:-

*"Dak l-att jista' jsir ukoll wara li r-ragel u l-mara jergghu jmorru jghammru flimkien, izda, f'dak il-kaz, l-att ma jiswiex jekk ma jsirx bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti".*

Illi dan ifisser li l-effetti ta' rikonciljazzjoni wara kuntratt ta' separazzjoni jaffetwaw, u in verita' jirravvivaw l-obbligi ta' konvivenza u ta' manteniment biss u l-kundizzjonijiet l-ohra kemm dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti u proprjeta'

parafernali, jew kull ftehim iehor jibqa' japplika jekk l-istess partijiet ma' jiftehmux mod iehor u dan biss permezz ta' kuntratt pubbliku, li jirrexindi l-kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt, u dan biss wara li tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Illi ghalhekk l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet ghal dak li jirrigwarda l-pattijiet kollha hemm indikati hlief u bl-eccezzjoni, jekk sehhet ir-rikonciljazzjoni fit-termini tal-ligi, ghall-obbligi ta' konvivenza u manteniment tal-konjugi, baqghu u ghadhom *in vigore* a bazi ta' dak pattwit u l-**artikolu 64 (2) tal-Kap 16,** u dan jista' jinbidel biss permezz ta' kuntratt pubbliku bejn l-istess partijiet, u ghalhekk bi ftehim bejn l-istess partijiet, u wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma legalment insostenibbli.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------